

Brussell, 31 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

14893/23

LIMITE

POLCOM 259
COMPET 1062
IND 580
RELEX 1249

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Suġġett:	Dikjarazzjoni Konġunta dwar it-twaqqif tal-Klabb dwar il-Materja Prima Kritika - Awtorizzazzjoni biex jiġi nneozjat strument mhux vinkolanti

1. L-aċċess għal provvista sigura u sostenibbli ta' materja prima kritika huwa sfida komuni għall-komunità globali. Fil-Komunikazzjoni tas-16 ta' Marzu 2023 dwar provvista sigura u sostenibbli ta' materja prima kritika b'appoġġ għat-tranżizzjoni doppja (ST 7551/23), il-Kummissjoni ħabbret l-intenzjoni tagħha li tistabbilixxi, flimkien ma' pajjiżi interessati, Klabb dwar il-Materja Prima Kritika (CRM).
2. L-idea tal-Klabb CRM hija li jlaqqa' flimkien il-pajjiżi li jikkunsmaw u jipproduċu biex jippromwovu provvista sigura u sostenibbli ta' materja prima kritika. B'mod partikolari, il-Klabb CRM għandu jrawwem investiment sostenibbli fil-pajjiżi produttori, li jippermettilhom javvanzaw fil-katina tal-valur. L-intenzjoni tal-Kummissjoni hija li tistieden lill-pajjiżi interessati jniedu l-Klabb CRM permezz ta' Dikjarazzjoni Konġunta.

3. Fil-11 ta' Awwissu 2023, il-Kumitat tal-Politika Kummerċjali (Deputati) ġie infurmat f'nota mill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħha li tibda negozjati dwar strument mhux vinkolanti fil-forma ta' Dikjarazzjoni Konġunta dwar it-tnedija tal-Klabb CRM. Din id-Dikjarazzjoni Konġunta għandha tinħareġ mill-membri fundaturi qabel tmiem l-2023.
4. Fil-laqgħat tal-Kumitat tal-Politika Kummerċjali (Deputati) fl-14 ta' Settembru u l-25 ta' Ottubru 2023, il-Kummissjoni pprovdiet informazzjoni addizzjonali lid-delegazzjonijiet. Il-Kumitat tal-Politika Kummerċjali (Deputati) ġie sussegwentement ikkonsultat dwar il-kwistjoni, permezz ta' konsultazzjoni bil-miktub. L-ebda delegazzjoni ma opponiet l-intenzjoni tal-Kummissjoni msemmija hawn fuq.
5. Huwa mistenni li l-Kummissjoni tinforma regolarment lill-Kumitat tal-Politika Kummerċjali (Deputati) dwar il-progress li jkun sar fin-negozjati.
6. Huwa mifhum li l-Kummissjoni ser terġa' lura fi tmiem in-negozjati sabiex tikseb, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, awtorizzazzjoni mill-Kunsill għall-approvazzjoni, f'isem l-Unjoni, ta' strument mhux vinkolanti fil-forma ta' Dikjarazzjoni Konġunta li għandu jirriżulta min-negozjati.
7. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden:
 - jikkonferma l-qbil tiegħu li l-Kummissjoni tinneogzja, f'isem l-Unjoni, Dikjarazzjoni Konġunta dwar it-twaqqif tal-Klabb CRM; u
 - jirrakkomanda li l-Kunsill, bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' laqgħa tiegħu li jmiss, jawtorizza lill-Kummissjoni tinneogzja, f'isem l-Unjoni, din id-Dikjarazzjoni Konġunta.